MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-13 ta' April, 2015

Mandat Numru. 536/2015/1

**Signal 8 Security Services Malta Limited (C-54368)**

**vs**

1. **Heritage Malta**
2. **Direttur tal-Kuntratti**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Joseph John Grech (ID Nru 435861M) ghan-nom u in rapprezentanza tar-rikorrenti, ipprezentat fit-30 ta’ Marzu 2015 fejn qed jigi kkonfermat bil-gurament : -

Illi l-esponenti ghandu interess li jitharrsu l-jeddijiet ta' l-esponenti.

Illi l-esponent, sabiex jikkawtela d-drittjiet tieghu, jixtieq jzomm lill-intimati :

milli jikkancellaw u jwaqqfu lill-istess rikorrenti minn kuntratt bl-isem "Contract for the Provision of Security Services to Heritage Malta Sites", kif ukoll milli jaghtu l-istess kuntratt, kuntratt simili, jew kuntratt ta' *security services* rigwardanti s-siti ta' Heritage Malta, *in toto* jew *in parte,* direttament jew indirettament favur terzi operaturi.

Illi l-hrug ta' dan il-mandat qieghed jintalab *in vista* tas-segwenti fatti –

1. Illi r-rikorrenti iffirmaw kuntratt ma' l-intimati Heritage Malta fl-20 ta' Dicembru 2012 bl-isem "Contract for the Provision of Security Services to Heritage Malta", u dan wara sejha pubblika ghall-offerti, liema sejha intrebbhet mir-rikorrenti, liema kuntratt gie estiz bi ftehim bejn il-partijiet ghall-31 ta' Dicembru 2014;

2. Illi mill-1 ta' Jannar 2015, il-kuntratt ta' l-20 ta' Dicembru 2012, kif prorogat, gie estiz ulterjorment tacitament u s-socjeta' rikorrenti baqghet tissupplixxi s-servizzi taghha kontra hlas, liema servizzi gew rezi u

ghadhom qeghdin jigu rezi, kif ukoll thallsu *ai termini* tal-kuntratt originali iffirmat;

3. Illi fl-10 ta' Marzu 2015, is-socjeta' rikorrenti saret laqgha fuq talba tar-rikorrenti ma' Heritage Malta, u gietipprezentata b'minuta ta' kuntratt bl-isem "Addendum 6 (kopja annessa u mmarkata bhala "Dok. A"), li permezz taghha l-intimati jew min minnhom unilateralment iffissaw rata alternattiva ghal dik fil-kuntratt originali ta' tmien ewro (€8.00) fis-siegha minghajr konsultazzjoni mar-rikorrenti, kif ukoll r-rikorrenti kienet *inter alia* qieghda tigi mistennija tiddikjara illi s-servizzi pprovduti ma setghux jigu sub-appaltati favur terzi;

4. Illi meta d-direttur u rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti s-Sur Joseph John *sive* Jovan Grech iltaqa' mal-Kap Ezekuttiv ta' Heritage Malta s-Sur Kenneth Gambin biex tigi diskussa l-minuta, dan ta' l-ahhar wissieh illi l-kuntratt kien gja imwieghed lil terzi permezz ta' *direct* order, u ghalhekk kien jaqbillu jiffirma l-imsemmi Addendum 6 kif inhu. Illi r-rikorrenti kienet lesta li tiffirma l-istess Addendum, pero' riedet kjarifika ghal dak li ghandu x'jaqsam il-klawzola numru 2, u dan peress illi l-istess rikorrenti ma kenitx f'pozizzjoni li tiddikjara retroattivament li ma kenitx tat s-servizzi b'sub-appalt, peress illi kienet tikkostitwixxi dikjarazzjoni falza;

5. Illi f'laqghat sussegwenti, meta r-rkorrenti tenniet illi kienet lesta li tiffirma l-*addendum* peress illi wasslet ghall-konkluzjoni li d-dicitura tal-klawzola tnejn ma kenitx necessarjament timporta dikjarazzjoni retroattiva, giet infurmata illi xorta ma kenux se jaccetaw peress illi x-xoghol kien diga' inghata lil terzi illi huwa ferm sinifikattiv illi l-ittra datata 27 ta' Marzu 2015 iffirmata mis-Sur Kenneth Gambin (Dok B) giet

mibghuta wara li s-socjeta' rikorrenti giet infurmata illi l-kuntratt kien gja inghata permezz ta’ *direct order*.

6. Illi l-fatt illi hemm abbuz ta' ghemil amministrattiv jirrizulta ukoll mill-fatt illi t-terzi kumpaniji li se jinghataw *direct order* gja avvicinaw impjegati tar-rikorrenti sabiex jigu jahdmu maghhom minnufih, u dan peress illi gja gew imwiegda x-xoghol, u dan minghajr ma kien hemm sejha pubblika u ghalhekk minghajr ma kien hemm ebda prova oggettiva kif tehtieg il-ligi tal-kuntratti pubblici illi dawn ghandhom ir-rizorsi jaghmlu dan ix-xoghol; illi jigi rilevat ukoll illi r-rikorrenti timpjega madwar tmenin (80) persuna fuq il-kuntratt surreferit bi dhul ta' madwar tmienja u disghin elf ewro (€98.000) fix-xahar u li r-rikorrenti ghaddiet minn gharbiel dettaljat sabiex hadet il-kuntratt surreferit;

7. *In oltre*, r-rikorrenti jaf illi r-rata offruta permezz ta' l-*Addendum* 6 hija ferm anqas minn dik offruta lil operaturi ohra li ghandhom kuntratti ta' *security* simili mal-Gvem, kif ukoll illi l-kundizzjonijiet kuntrattati ma jinkludux il-klawzola numru *2* kif imposta fuq ir-rikorrenti;

8. Illi ‘l fuq imsemmi ixhed azzjoni abbuziva u illegali min-naha ta' l-intimati jew min minnhom, kif ukoll abbuz ta' ghemil amministrattiv;

**Illi minhabba l-fatti *prima facie* hawn fuq *imsemmi* u l-fatt illi l-kuntratt se jinghata abbuzivament u illegalment minghajr sejha permezz ta' *direct order* lil terzi, qieghed jintalab il-hrug tal-mandat provizorjament sakemm din l-Onorabbli Qorti tiddetermina din il-procedura b'mod definittiv;**

Illi l-esponent se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel il-hwejjeg hawn fuq imsemmija.

Rat id-digriet tat-30 ta’ Marzu 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika tal-istess rikors lill-kontro-parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta. Irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghad-9 ta’ April 2015.

Rat ir-risposta tad-Direttur tal-Kuntratti datata 2 ta’ April 2015 a fol 17 tal-process.

Rat ir-risposta ta’ Heritage Malta datata 2 ta’ April 2015 a fol 11 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta’ April 2015 fejn meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Ian Vella Galea u Dr. David Wain ghas-socjeta` rikorrenti rapprezentata minn Joseph John Grech fl-Awla. Dehru Dr Franco Agius, rapprezentant tad-Direttur tal-Kuntratti, assistit minn Dr. Victoria Buttigieg u Dr. Christian Falzon Scerri, u Kenneth Gambin ghall-Heritage Malta assistit minn Dr. Pawlu Lia. Xehdu Dr Franco Agius u Kenneth Gambin, bil-Malti u bil-gurament, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta' Dr. David Wain, Dr. Pawlu Lia u Dr.

Victoria Buttigieg, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha pprezentati.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**Ikkonsidrat** li bir-rikors odjern, is-socjeta' rikorrenti qed titlob il-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex jigu inibiti  milli jikkancellaw u jwaqqfu lill-istess rikorrenti milli jkomplu jfornixxu servizzi *ai termini* ta' kuntratt bl-isem *Contract for the Provision of Security Services to Heritage Malta Sites,* kif ukoll milli jaghtu l-istess kuntratt, kuntratt simili jew kuntratt ta' *security services* rigwardanti s-siti ta' Heritage Malta, *in toto jew in parte*, direttament jew indirettament favur terzi operaturi.

L-intimati kkontestaw it-talba *stante* li ma jezistux l-elementi rikjesti **bl-artiklu 873 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre l-hrug tal-mandat kif rikjest kontra l-Gvern mhuwiex ser johloq pregudizzju sproporzjonat ghar-rikorrenti *ai termini*  tal-**artiklu 873(3)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-difiza tal-intimati tista' tingabar fis-segwenti punti:-

1. Id-Direttur tal-Kuntratti jsostni li ma kienx involut fl-iffirmar tal-kuntratt imsemmi, fl-estensjoni, fin-negozjati u fil-kancellament tal-istess. Inoltre ma jistax jaghmel l-atti li qed jigu mitluba li jigi inibit milli jwettaq.

2. Ir-rikorrenti m'ghandhiex dritt *prima facie* biex tiggustifika t-talba taghha *stante* li ma hemmx rapport guridiku bejn il-partijiet. Il-kuntratt ghas-servizzi tar-rikorrenti skada u ma giex estiz skont kif jirrizulta mill-ittra tas-27 ta' Marzu 2015 **(DOK B).** Ghal din ir-raguni wkoll ma jistax jintalab li l-intimat jigi inibit milli jikkancella jew iwaqqaf il-kuntratt ghaliex dan il-fatt gja gie attwat.

3. Jonqos il-htiega ghal dan il-mandat billi jekk jirrizulta xi dritt favur is-socjeta' rikorrenti, dan jista' jigi rizolt f'risarciment ghad-danni.

4. Ma jirrizultax l-isproporzjon mehtieg bl-artikolu 873(3) tal-Kap 12, u fil-kaz tad-Direttur tal-Kuntratti ddikjara li mhux bi hsiebu li jiffirma kuntratti ma’ operaturi ohra b'rabta mal-Provvista ta' Servizzi ta' Sigurta' fis-siti ta' Heritage Malta.

**Fatti fil-Qosor**

Illi jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti kienet iffirmat kuntratt ma' Heritage Malta fl-20 ta' Dicembru 2012 wara sejha pubblika li intrebhet mill-istess socjeta' rikorrenti sabiex tipprovdi s-servizzi ta' sigurta' fis-siti amministrati minn Heritage Malta. Dan il-kuntratt gie estiz bi ftehim bejn il-partijiet sal-31 ta' Dicembru 2014 f'estensjonijiet ta' tlett xhur kull darba. Fis-27 ta' Marzu 2015 Heritage Malta infurmat lir-rikorrenti b'ittra li s-servizzi taghha mhumiex aktar mehtiega b'effett mill-1 ta' April 2015.

Mhuwiex ikkontestat li ma kien hemm l-ebda estensjoni bil-miktub mill-ahhar ta' Dicembru 2014, izda bhala fatt is-socjeta' rikorrenti baqghet u ghadha tfornixxi s-servizzi ta' sigurta' lill-Heritage Malta u tithallas tas-servizzi taghha.

**PROVI**

**Xehed Dr. Franco Agius** ghan-nom tad-Direttur tal-Kuntratti fejn ikkonferma li d-Direttur tal-Kuntratti ma ghandu l-ebda tender ippubblikat bhal issa ghall-ghoti ta' *Security Services* ghas-siti ta' *Heritage Malta." Ahna bhal issa ma ghandna l-ebda tender barra u konsegwentement ma hu ser jigi ffirmat l-ebda kuntratt ".*

***Xehed*** *Kenneth Gambin, CEO tal*-Heritage Malta fejn qal: "*Nikkonferma li hija l-intenzjoni ta' Heritage Malta fic-cirkostanzi li taghti kuntratt temporanju lill-Kuntratturi ohrajn. Dan sakemm johrog tender iehor ufficjali li jkunu jista' jawwordja dawn il-kuntratti."*

Gew prodotti zewg dokumenti mis-socjeta' rikorrenti:-

**Addendum 6**

Is-socjeta' rikorrenti esebiet skrittura intestata **Addendum 6 (DOK A)** li giet proposta mill-Heritage Malta u li tikkontjeni klawsoli li jemmendaw il-kuntratt originali. Din l-iskrittura mhiex ffirmata u hemm qbil bejn il-partijiet li hadd minnhom ma iffirmaha.

Jirrizulta li l-ammendi imfissra fl-**Addendum** huma mehtiega skont *policy* tal-Gvern imfissra f'cirkolari mahruga numri 27/2014 u 04/2015 intitolati **New Regulations Regarding the Award of Services Contract within the Public Administration.** L-iskop ewlieni ta' dawn l-ammendi huwa sabiex jigi zgurat kontra abbuzi cioe li l-operatur ta' kuntratti fis-servizz pubbliku ma jisfruttax lill-haddiema taghhom b'impjieg prekarju u li jigi zgurat li jithallsu l-paga minima nazzjonali. Ghalhekk dawn l-ammendi jimponu kondizzjonijiet minimi tal-ingagg fl-interess tal-haddiema u japplikaw ghall-kwalsiasi operatur pubbliku minghajr distinzjoni.

Hemm esebita wkoll ittra iffirmata minn Kenneth Gambin bhala CEO ta' Heritage Malta datata 27 ta' Marzu 2015 (**DOK B).** B'din l-ittra s-socjeta` rikorrenti giet infurmata li "*according to the said agreement, the original term expired on 31 December 2013. In terms of addendum 5 to the contract, signed on 1 January 2014, the parties agreed that the agreement 'shall be extended for a further four period of three months each'.Hence the extended agreement elapsed on 31 December 2014.*

*Despite the number of 'bona fide' attempts by Heritage Malta to reach a mutual agreement for a further extension to the contract, you failed to reach such agreement in view of your non-conformity to the terms indicated in Contracts Circular 04/2015(CTS048/2013-attached), and your insistence on availing yourself of the right to subcontract services,which rights was excluded in the addendum.*

*Therefore in these circumstances you are hereby being given notice that your services will no longer be required as from 1 April 2015."*

Kontra dak kontenut f'din l-ittra, s-socjeta' rikorrenti ppremettiet fir-rikors mahluf taghha li huwa minnu li riedet kjarifika dwar it-tnehhija tad-dritt li taghti sub-appalti tas-servizzi kkontrattati izda sussegwentement infurmat lill-Heritage Malta li kienet lesta li taccetta li tiffirma, izda madanakollu giet rinfaccjata b'din l-ittra.

Anzi Joseph John Grech ghas-socjeta' rikorrenti ppremetta wkoll fir-rikors mahluf tieghu li Kenneth Gambin, il-CEO ta' Heritage Malta, kien wissieh li l-kuntratt kien gja imwieghed lill-terzi permezz ta' *direct order.* Din l-allegazzjoni giet kategorikament michuda minn Kenneth Gambin fix-xhieda tieghu *viva voce* fis-seduta tad-9 ta' April 2015.

**Konsiderazzjoni ta' Dritt.**

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat (**Art.873 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta).**

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju;[1] it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu 'prima facie' dawk il-jeddijiet.[2] Dawn iz-zewg

[1] Ara f'dan is-sens *“**Grech proprio et nomine vs Manfre**”* – A.C. – Dec.14 ta’ Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290; u *“**40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita` tal-Ippjanar”*** (P.A. (RCP) - Dec. 2 ta’ Novembru 2010).

[2]Ara f'dan is-sens **"*Emmanuel Sammut -v- Josephine Sammut*** " P.A.(TM)-dec.5.06.2003.

elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug tal-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti ser taghmel is-segwenti kostatazzjonijiet.

**Jedd 'Prima Facie'**

Din il-Qorti, fic-cirkostanzi, mhix tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielha ggib il-quddiem id-dritt pretiz minnha bhala l-bazi tal-pretensjonijiet tieghu anke imqar *prima facie.*

Ir-rikorrenti tallega li l-kuntratt "*ser jinghata abbuzivament u illegalment minghajr sejha permezz ta' direct order lil terzi"* izda fl-istess hin hija karenti fil-prova tad-dritt li huwa element tant fondamentali ghas-success tal-azzjoni odjerna. Jonqos id-dritt, jonqos l-interess giuridiku anke fil-legalita' *o meno* ta' ghotja ta' *direct order* - ghalkemm ghandu jinghad minnufih, fuq dan il-punt, li rrizulta mix-xhieda moghtija li l-Heritage Malta ottjeniet l-awtorizzazzjoni mid-Direttur tal-Kuntratti skont il-Ligi biex taghti kuntratt ghas-sigurta' fis-siti taghha b'*direct order* temporanju sakemm tinhareg sejha ghall-offerti.

Mhuwiex ikkontestat li s-socjeta' rikorrenti rebhet it-*tender* ghall-kuntratt li kellha wara gharbiel tekniku u rigoruz. Lanqas mhu kkontestat li timpjega mad-90 impjegat u ma hemmx l-icken thassib dwar il-kapacita' taghha li taghti s-servizzi rikjesti b'mod professjonali u efficjenti. F'ebda hin ma gie allegat li Heritage Malta ma ftehmitx mar-rikorrenti minhabba nuqqasijiet u inadempjenza. Il-qofol ta' kollox huma l-kondizzjonijiet godda li huma imfissra f'cirkolari tal-OPM kif fuq spjegat u li dawn il-kondizzjonijiet, ghal raguni li r-rikorrenti biss taf u tifhem, ma gewx accettati minnha -*imputet et sibi.* Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li s-socjeta' rikorrenti tkun f'posizzjoni li tinkonkorri ma' kuntratturi ohra ghas-sejha il-gdida, izda dan ma jaghtihiex d-drittijiet pretizi llum.

Is-socjeta' rikorrenti takkampa fuq allegazzjoni ta' estensjoni tacita tal-kuntratt, *basandosi* fuq il-fatt li  ghadha qed toffri l-istess servizzi u tithallas taghhom sallum. It-talba tallum mhix marbuta ma pretensjoni ghall-hlas tas-servizzi rezi, imma ma pretensjoni ta' drittijiet kontrattwali li

jorbtu lill-Heritage Malta *ad futuram*. Fir-realta', lanqas ma jirrizulta *fumus* ta' ftehim ta' estensjoni simili.

Il-partijiet jaqblu li l-kuntratt gie tterminat fil-31 ta' Dicembru 2014 u minn dakinhar is-socjeta' rikorrenti baqghet toffri l-istess servizzi. Din il-Qorti hija disposta li taccetta li sal-31 ta' Marzu 2015 kien hemm qbil tacitu bejn ir-rikorrenti u Heritage Malta dwar dan. Tul dan il-perjodu, saru negozjati bejniethom ghall-ftehim gdid fejn Heritage Malta sahansitra offriet lir-rikorrenti l-possibilita' li tibbenefika mill-kuntratt kif ammendat purke taccetta l-kondizzjonijiet imposti bil-policy governattiv il-gdid, izda kienet l-istess rikorrenti li rrifjutat.

Dawn il-fatti, li mhumiex ikkontestati jikkonvincu lil din il-Qorti li ma kienx hemm dak il-c*onsensus ad idem* bejn il-partijiet li huwa essenzjali biex jigi kkreat il-vinkolu kontrattwali - jekk dan hu karenti, allura ma hemmx ftehim. Kif jirrizulta mill-ittra **DOK B** surriferita, *Heritage Malta,* fi kliem cari u inekwivoci fissret li s-servizzi tas-socjeta' rikorrenti kienu qed jigu terminati b'effett mill-1 ta' April 2015.

Aparti din il-konsiderazzjoni ta' fatt, jirrizulta mill-provi wkoll li kwalsiasi estensjoni kellha ssir bil-miktub u ffirmat mit-tnejn altrimenti ma kienx mehtieg li t-tibdiliet jigu mfissra fl-Addendum 6 fejn hemm provvdut fejn kellhom jiffirmaw il-partijiet. Ghal din ir-raguni, l-intimati jissottomettu li anke jekk kien hemm ftehim verbali, dan ma kienx perfezzjonat u mhuwiex validu proprju ghaliex kien jonqos il-kitba ffirmata mill-partijiet.

L-intimati jaghmlu riferenza ghall-**artikolu 114 tal-Kodici tal-Kummerc** li jiddisponi hekk :

***"114.*** *Jekk il-partijiet ikunu ftiehmu li l-ftehim bil-fomm għandu jitniżżel bil-miktub, hu preżunt li huma riedu jassoġġettaw il-validità tiegħu għat-tħaris ta' dik il-formalità."*

Dan l-artikolu huwa applikabbli ghall-kaz odjern .

Skont l-interpretazzjoni awtorevoli tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fil-kaz **Giuseppe Vella Gatt et v Giuseppe Darmanin et** (23 ta' Novembru 1956) citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **Mermaid Media Entertainment Limited v Go plc.** (28 ta' Gunju 2010) dan l-artiklu "*johloq presunzjoni fis-sens li meta ftehim verbali jsir bl-intiza li ghandu jigi redatt bil-miktub, u l-iskrittura imbaghad ma ssirx, il-ftehim mhux validu' ghax meta gie miftiehem illi l-ftehim verbali kellu jigi mnizzel bil-miktub, hu prezunt li l-partijiet riedu jassoggettaw il-validita' tal-ftehim ghat-tharis ta' dik il-formalita`".* Dik il-Qorti, imbaghad, issokktat tghid li "*l-presunzjoni mhix 'juris tantum' imma 'juris et de jure', u hija ntiza biex tipprevedi u tiddirimi l-kwestjonijiet fil-kummerc. u ghalhekk tipprevjeni l-kawzi b'mod li dik il-presunzjoni ma tistax titwaqqa' bi provi testimonjali."* Inoltre hu ritenut li "*qabel ma tigi ffirmata l-iskrittura, ma jistax jinghad li l-ftehim hu perfett*" ("**Negte Joseph Stellini *nomine* -vs- Negte Salvatore Debono**" - 14 ta' Dicembru 1942; (Ara wkoll **Pace Bonello et v Malta Hotels and Restaurants Association** (App.Civ. 21 ta' Mejju 2010).

Fic-cirkostanzi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-socjeta' rikorrenti ma ssodisfatx l-element rikjest mil-Ligi ghall-prova ta'

dritt *prima facie* in sostenn tat-talbiet taghha u twaqqaf lill-Heritage Malta, li hija agenzija nazzjonali milli tidhol liberament f'relazzjonijiet kontrattwali ma terzi.

Illi billi t-tlett elementi huma kumulattivi, din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tezamina iz-zewg elementi rimanenti ghalkemm tajjeb li jigi rilevat dak dispost bl-**artikolu 873(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta** fir-rigward tal-intimat Direttur tal-Kuntratti u cioe`:

**Artikolu 873(3) tal-Kap.12** senjatament: -

*"Il-qorti m'għandha toħrog ebda mandat bħal dak kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali tagħha kemm-il darba l-awtorita` jew il-persuna li kontra tagħha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-qorti bil-miftuħ li l-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt maħsuba li ssir, u l-qorti tkun sodisfatta, wara li tisma' l-ispjegazzjonijiet mogħtija, li kemm-il darba ma jinħarigx il-mandat, il-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li tigi mizmuma*. "

Mela fejn, bhal fil-kaz tal-lum, mqar wiehed mill-intimati jkun il-Gvern, b'zieda ma' l-elementi li johorgu mis-subincizi (1) u (2), irid jitqies ukoll dak li jinghad fis-subinciz (3) u cioe` :- (a) li l-ħaga li parti titlob li tinzamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq; u (b) li l-pregudizzju li jinħoloq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaga li qed tintalab li

tigi migmuma.

Fil-kaz tad-Direttur tal-Kuntratti jonqos wkoll dan l-ewwel element *stante* dak li jirrizulta mix-xhieda tieghu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tat-30 ta' Marzu 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

**L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' rikorrenti.**

**Degretat.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------